Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,994, 21 ta' Mejju, 1982
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. III ta' l-1982

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, Kap. 59.

ACT No. III of 1982

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Prevention of Disease Ordinance, Cap. 59.

Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

21 ta' Mejju, 1982

ATT Nru. III ta' l-1982

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, Kap. 59.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1982 li jemenda l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 12 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 12 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu —

(i) minnufih wara l-kliem "bin-nhar" għandhom jidħlu l-kliem "jew bil-lejl";

(ii) minnufih wara l-kliem "jew li m'ilux kien hemm," għandhom jidħlu l-kliem "jew li hemm tgħix xi persuna li seta' kellha kuntatt ma' xi marda,"; u

(iii) minnufih wara l-kliem "illi tkun tinsab hemm" għandhom jidħlu l-kliem "illi tkun hemm jew jissuġġetta lil kull persuna bħal dik biex isirulha dawk l-eżamijiet mediċi li jidhirlu xierqa fl-interess tas-saħħa pubblika";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "eżami jew spezzjon" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "eżami, spezzjon jew eżami mediku"; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "fl-ispezzjon jew fl-eżami" għandhom jidħlu l-kliem "fl-ispezzjon, fl-eżami jew fl-eżami mediku".

3. Minnufih wara l-artikolu 12 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' artikolu ġdid 12A mal-liġi prinċipali.

"Restrizzjoni tal-moviment ta' persuna suspettata li jkollha mard.

12A. (1) Meta s-Suprintendent ikollu raġuni jissuspetta li persuna tista' xxerred mard huwa jista', b'ordni, jirrestrinġi l-moviment ta' dik il-persuna jew jissospendiha milli tattendi għax-xogħol tagħha għal perijodu ta' mhux iżjed minn erba' ġimgħat, liema perijodu jista' jiġi mtawwal sa għaxar ġimgħat sabiex jiġu finalizzati dawk l-eżamijiet mikrobijoloġiċi li jistgħu jkunu meħtieġa.

(2) Kull persuna li taġixxi kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza.".

4. L-artikolu 13 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 13 tal-liġi prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu —

(i) minflok il-kliem "skond l-artikolu ta' qabel dan" għandhom jidħlu l-kliem "skond l-artikolu 12 ta' din l-Ordinanza,"; u

(ii) minnufih wara l-kelma "iżolati" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew jingħataw kura medika, jew it-tnejn skond kif meħtieġ,"; u

(iii) minnufih wara l-kelma "l-iżolament" għandhom jidħlu l-kliem "jew il-kura"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu li ġej:

"(3) Kull kura ordnata mis-Suprintendent jew minn Uffiċjal Mediku tas-Saħħa skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tingħata mingħajr ħlas,".

5. Minnufih wara l-artikolu 13 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' artikolu ġdid 13A mal-liġi prinċipali.

"Setgħa tas-Suprintendent li jiżgura ħelsien minn infezzjoni.

13A. (1) Is-Suprintendent jista' jordna li kull persuna li, ikollha xogħol li l-Ministru responsabbli għas-saħħa jista' jistabbilixxi b'avviż ippubblikat fil-Gazzetta, u li tkun meqjusa mill-imsemmi Suprintendent li tista' xxerred mard, li minn żmien għal żmien isirulha dawk l-eżamijiet u dawk l-investigazzjonijiet kif jidhirlu xieraq sabiex jiżgura li dik il-persuna tkun ħielsa minn infezzjoni.

(2) Kull persuna li ma tobdix jew li ma tħallix lil xi persuna oħra milli tobdi xi ordni bħal dak tkun ħatja ta' reat taħt din l-Ordinanza.".

6. Fl-artikolu 14 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "jew lill-Uffiċjal Mediku tas-Saħħa, jew lil tabib ieħor imqabbad bil-miktub għal dan il-ħsieb mis-Suprintendent" għandhom jidħlu l-kliem "jew lill-Uffiċjal Mediku tas-Saħħa, jew lil tabib imqabbad bil-miktub għal dan il-ħsieb mis-Suprintendent, jew lil Spettur tas-Saħħa". Emenda ta' l-artikolu 14 tal-liġi prinċipali.

7. L-artikolu 17A tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 17A tal-liġi prinċipali.

(a) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda s-Suprintendent jista' jawtorizza li t-tindif isir fil-post tar-residenza ta' dik il-persuna, jew f'dak il-post l-ieħor li s-Suprintendent jista' jordna."; u

(b) minflok is-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Ma jsir ebda ħlas għat-tindif ta' persuna jew ta' l-ilbies tagħha jew għal xi servizz ieħor li għandu x'jaqsam ma' dan li jingħata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.".

Żieda ta' artikolu ġdid 38B mal-liġi prinċipali.

8. Minnufih wara l-artikolu 38A tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

38B. Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista', sabiex iħares aħjar is-saħħa pubblika, b'regolamenti jippreskrivi miżuri sabiex —

(a) tiġi kontrollata u regolata l-kwalità ta' l-ilma, inkluż l-ilma vasti, li jista' jintuża fit-tkabbir u tisqija tal-ħxejjex;

(b) tiġi kontrollata u regolata x-xorta ta' ħxejjex li jistgħu jitkabbru f'xi nħawi partikolari; u

(ċ) jinqabdu u jinqerdu ħxejjex li jekk jittieklu jippreġudikaw jew jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa tal-konsumatur.".

Sostituzzjoni tat-Titlu III tal-liġi prinċipali.

9. Minflok it-Titlu III tat-Taqsima I tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Titlu III

Tilqim Kontra Mard li Jittieħed

Istituti għall-preparazzjoni tal-*vaccine lymph*, eċċ.

49. (1) Ħadd ma jista' jiftaħ istituti għall-preparazzjoni tal-*vaccine lymph*, jew għall-preparazzjoni jew tilqim tal-*vaccine* jew sjeru għat-tħaris mill-mard tar-rabja jew mardiet oħra u għall-kura tagħhom, ħlief bis-saħħa ta' liċenza mill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika u suġġetta għall-kondizzjonijiet miġjubin fiha.

(2) Kull istitut bħal dan għandu jkun f'kull każ taħt it-treġija u t-tmexxija ta' tobba u suġġett għas-sorveljanza tas-Suprintendent.

(3) It-talba għal-liċenza hawn fuq imsemmija għandha tintbagħat lis-Suprintendent, u din il-liċenza tinħareġ taħt il-firma tiegħu.

(4) Il-liċenza msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu hija wkoll meħtieġa għall-bejgħ tal-vaċċin jew tas-sjeri hemm imsemmija.

Ċentri ta' tilqim.

50. Għandu jkun hemm ċentru f'Malta u ċentru f'Għawdex u dawk iċ-ċentri l-oħra li s-Suprintendent jista' minn żmien għal żmien jidhirlu meħtieġa, sabiex jipprovdi tilqim b'xejn kontra Difterite, Tetnu, *Poliomyelitis* u dak il-mard l-ieħor li s-Suprintendent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Tilqim tat-tfal.

51. Ikun id-dover tal-ġenituri jew ta' xi persuna oħra li jkollha l-kustodja ta' xi tifel li jkun laħaq it-tliet xhur u li ma jkunx diġa' ġie mlaqqam skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-

artikolu għas-sodisfazzjon tas-Suprintendent, li tieħu jew li tara li jittieħed dak it-tifel f'xi wieħed miċ-ċentri msemmija fl-artikolu 50 ta' din l-Ordinanza sabiex dak it-tifel jitlaqqam kontra Difterite, Tetnu u *Poliomyelitis* jew kontra kull mard li l-Ministru jista' jippreskrivi sakemm jiġi żgurat it-tħaris komplet u kontinwu ta' dak it-tifel.

Differiment ta' tilqim.

52. Meta l-uffiċjal inkarigat minn dak iċ-ċentru jkun tal-fehma li tifel ma jkunx f'qagħda biex jitlaqqam, dan għandu jagħti lill-ġenituri jew lill-persuna oħra li jkollha l-kustodja ta' dak it-tifel, ċertifikat ta' differiment li fuqu jkollu speċifikat id-data li fiha t-tifel għandu jerġa' jittieħed fiċ-ċentru għat-tilqim, u l-ġenituri jew il-persuna li jkollha l-kustodja tat-tifel għandha tieħu jew tara li jittieħed dak it-tifel f'xi wieħed miċ-ċentri msemmija fl-artikolu 50 ta' din l-Ordinanza fid-data msemmija f'dak iċ-ċertifikat għall-fini ta' tilqim:

Iżda ma jista' jinħareġ ebda ċertifikat għal trasferiment dwar tifel li jkun laħaq l-età ta' sena jekk dak iċ-ċertifikat ma jkunx approvat minn Uffiċjal Mediku tas-Saħħa.

Tilqim fid-dar tat-tifel.

53. (1) Tabib deputat mis-Suprintendent jista' jżur id-dar ta' xi tifel sabiex jeżamina u jlaqqam tifel li ma kienx ġie mlaqqam skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

(2) L-eżami u t-tilqim għandu jsir bla ħlas.

Certifikat ta' tilqim.

54. Malli jispiċċa l-kors bażiku kollu ta' tilqim, l-uffiċjal inkarigat miċ-ċentru għandu jibgħat ċertifikat f'dan is-sens lill-ġenituri jew lill-persuna l-oħra li jkollha l-kustodja tat-tifel.

Notamenti ta' ċertifikati.

55. Ikun id-dmir ta' l-uffiċjal inkarigat minn ċentru msemmi fl-artikolu 50 ta' din l-Ordinanza li jżomm dawk in-notamenti dwar l-istat ta' tilqim ta' tfal, kif ikun meħtieġ b'din l-Ordinanza jew b'xi regolamenti magħmula bis-saħħa tagħha, inkluż notament ta' ċertifikati maħruġa lill-ġenituri jew lill-persuna l-oħra kif provdut bl-artikolu 54 ta' din l-Ordinanza.

Avviż għal tilqim meta jiġi reġistrat twelid.

56. L-Uffiċjal Anzjan tal-Pulizija ta' kull distrett għandu, fi żmien sebat ijiem mid-data li fiha jingħata l-avviż ta' twelid ta' xi tarbija skond l-artikolu 305 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti avviż fuq il-formula preskritta lill-ġenituri jew lill-persuna li jkollha l-kustodja ta' dik it-tarbija, li jeħtieġ li dik it-tarbija titlaqqam skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

Tilqim privat.

57. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 51 ta' din l-Ordinanza, il-ġenituri jew il-persuna l-oħra li jkollha l-kustodja ta' xi tifel tista' tieħu jew iġġiegħel li dak it-tifel jittieħed biex jitlaqqam minn tabib privat, u jekk dak it-tabib jagħmel dak it-tilqim, ikun obbligat iħares id-dmirijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' dak it-tilqim kif b'din l-Ordinanza għandhom jitħarsu mill-uffiċjal inkarigat miċ-ċentru, u għandu fi żmien xahar mid-data ta' dik it-tilqima, jagħti avviż bil-miktub tagħha lis-Suprintendent.

Tilqim b'ordni tal-Qorti.

58. Fuq tagħrif bil-miktub mogħti mis-Suprintendent jew minn xi tabib li jaġixxi minfloku li jkollu raġuni jaħseb illi tifel ma jkunx spiċċa l-kors bażiku ta' tilqim jew dawk id-

dożi l-oħra *booster* li s-Suprintendent jidhirlu meħtieġa biex titħares is-saħħa tat-tifel jew tal-kommunità, u li hu jkun ta avviż lill-ġenituri jew lill-persuna l-oħra li jkollha l-kustodja tat-tifel biex jieħdu ħsieb li dak it-tifel jitlaqqam skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' l-Ordinanza, il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jħarrek lil dawk il-ġenituri jew lil dik il-persuna l-oħra biex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, u jekk il-Qorti ssib wara dak l-istħarriġ li jidhrilha meħtieġ li tagħmel, li dak it-tifel ma jkunx ġie mlaqqam skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, il-Qorti tista' tordna li dak it-tifel jitlaqqam bil-mod xieraq skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza f'dak iż-żmien li tippreskrivi dik il-Qorti; u jekk, meta jagħlaq dak iż-żmien it-tifel ma jkunx ġie mlaqqam bil-mod xieraq skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew ma jiġix muri li ma jkunx f'qagħda biex jitlaqqam, il-persuna li dwarha jkun ingħata l-ordni tkun ħatja ta' reat taħt din l-Ordinanza:

Iżda fi prosekuzzjoni għal traskuraġni biex tifel jitlaqqam, ma tkunx meħtieġa bħala prova li l-persuna akkużata tkun irċeviet l-avviż imsemmi fl-artikolu 56 ta' din l-Ordinanza.

Prova ta' tilqim.

59. Is-Suprintendent jista' jitlob lill-ġenituri jew lill-persuna l-oħra li jkollha l-kustodja ta' tifel, li ġġib prova li dak it-tifel ikun ġie mlaqqam skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 51 jew ta' l-artikolu 57 ta' din l-Ordinanza.

Tilqim kontra t-tetnu.

60. (1) Meta s-Suprintendent ikun tal-fehma li xi persuna jkollha riskju akbar li tieħu t-tetnu minħabba x-xogħol tagħha, dan jista' jordna li dik il-persuna titlaqqam kontra dik il-marda b'dak il-mod u f'dak il-post li jiddeċiedi s-Suprintendent.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 57 għandhom japplikaw meta t-tilqim jingħata minn tabib privat.

(3) Kull persuna li ma tobdix xi ordni bħal dan tkun ħatja ta' reat taħt din l-Ordinanza.

Setgħa tal-Ministru biex jagħmel regolamenti.

61. Il-Ministru responsabbli għas-saħħa jkollu s-setgħa li jagħmel regolamenti sabiex jiżgura t-tħaris tal-pubbliku permezz ta' tilqim kontra mard u mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, sabiex —

(a) jippreskrivi l-formuli li jintużaw għall-avviżi u ċertifikati kif ikun meħtieġ taħt din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza;

(b) jirregola u jikkontrolla l-prattika ta' xi xorta partikolari ta' tilqim għal xi perijodu;

(ċ) jippreskrivi l-kwalità u x-xorta ta' xi vaċċina li tista' tintuża;

(d) jikkontrolla l-importazzjoni, il-ħażna, id-distribuzzjoni, il-bejgħ u l-użu ta' kull vaċċina, u

(e) jippreskrivi kull marda li kontra tagħha jkun obbligatorju t-tilqim skond l-artikolu 51.

Tifsir.

62. F'din it-taqsima —

"ġenituri" tfisser il-missier, u fin-nuqqas tiegħu, l-omm;

"tifel" tfisser kull persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti.".

10. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 104 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem u l-figuri "ta' l-artikolu 12, tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13" għandhom jidħlu l-kliem u l-figuri "ta' l-artikolu 12, ta' l-artikolu 12A, tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13, tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13A". Emenda ta' l-artikolu 104 tal-liġi prinċipali.

11. Minflok l-artikolu 111A tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 111A tal-liġi prinċipali.

"111A. (1) Kull persuna li tikser xi regolamenti magħmula taħt l-artikolu 38A teħel meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamsin lira.

(2) Kull persuna li tikser xi regolamenti magħmula taħt l-artikolu 38B teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux anqas minn ħamsin lira.".

12. Minflok l-artikolu 113 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 113 tal-liġi prinċipali.

"Piena għal traskuraġni għal tilqim. 113. Kull ġenituri jew persuna oħra li jkollha l-kustodja ta' xi tifel li tittraskura li tieħu lil dak it-tifel biex jitlaqqam jew biex dak it-tifel jittieħed għat-tilqim u kull persuna ta' l-età li tittraskura li titlaqqam jew li terġa' titlaqqam kif provdut f'din l-Ordinanza, tista' teħel multa (ammenda) ta' mhux iżjed minn għaxar liri.".

13. Fl-artikolu 114 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem u l-figuri "taħt l-artikoli 75 u 76" għandhom jidħlu l-kliem u l-figura "taħt l-artikolu 59". Emenda ta' l-artikolu 114 tal-liġi prinċipali.

14. L-artikolu 115 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 115 tal-liġi prinċipali.

(i) minflok il-kliem "vaċċinatur pubbliku" għandhom jidħlu l-kliem "uffiċjal inkarigat minn ċentru ta' tilqim"; u

(ii) il-kliem "tas-Sub-Titlu II" għandhom jitħassru.

15. L-Iskeda li tinsab mal-liġi prinċipali hi b'dan imħassra. Tħassar l-Iskeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

16. Il-liġi murija fl-Ewwel Kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' din il-liġi jkollha effett skond l-emenda murija fit-Tieni Kolonna ta' dik l-Iskeda. Emenda konsegwenzjali.

SKEDA

Artikolu 2

L-Ewwel Kolonna *Liġi*	It-Tieni Kolonna *Safejn tiġi emendata*
Att ta' l-1952 li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg (Att Nru. XI ta' 1952)	Minnufih wara l-paragrafu (d) tal-proviso għas-subartikolu (10) ta' l-artikolu 25 għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej: "(e) li l-impjegat ikun sospiż milli jattendi għax-xogħol tiegħu minħabba ordni magħmul skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 12A ta' l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard (Kap. 59).".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 21 tat-18 ta' Mejju, 1982.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati